**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Seduta 390 tas-17 ta' Mejju 2016 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta tal-bieraħ, 16 ta' Mejju 2016, wara l-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari l-Onor. Robert Cutajar staqsa hekk:

> "Sur President, xtaqt nagħmel referenza għal domanda parlamentari tas-seduta tal-lum, il-mistoqsija numru 25344. Fir-risposta tiegħu l-Ministru Joe Mizzi talabani nissostanzja jekk hux qed nindika li l-assenza tar-*roundabout* fil-każ indikat ikkawżat inċident fatali. Jiddispjaċini li l-Ministru poġġa kliem f'ħalqi li jien m'għedtx, però tajjeb li niġbed l-attenzjoni li jiena tlabt lill-Ministru konċernat, l-Onor. Joe Mizzi, iqis bħala prijorità li ssir din ir-*roundabout* għax fil-post fejn tlabt jien kien hemm fatalità. Bl-ebda mod m'għedt dak il-kliem li qal il-Ministru. Lill-Ministru kulma tlabtu hu li tingħata prijorità; fir-risposta tiegħu huwa qal li din issir skont il-prijoritajiet nazzjonali u l-fondi disponibbli."

Hawnhekk is-Sedja talbet lill-Onor. Cutajar sabiex jiċċara l-osservazzjoni tiegħu, u dan wieġeb li:

> "L-osservazzjoni għamiltha; sempliċement nixtieq inkun ċert li l-Ministru fehem biex ma jpoġġix kliem f'ħalqi li jien m'għedtx."

B'reazzjoni għal dan il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi irrimarka:

> "Sur President, jekk tirreferi għall-mistoqsijiet parlamentari li jagħmel l-Onor. Membru dejjem issib li jallega li l-affarijiet marru ħażin bla ma jikkwota statistika, meta jkun hemm statistika uffiċjali u pubblika li tkun tikkontradixxi dak li qed jgħid hu! Il-kollega tiegħi għandu d-dritt li jagħmel il-mistoqsijiet bis-sistema tiegħu. Jien imbagħad għandi l-esperti li jagħtuni r-risposta, u din ngħaddiha lill-kollega tiegħi kif qed nagħmel f'dan il-każ."

Is-Sedja rat il-mistoqsija li għamel referenza għaliha l-Onor. Membru, li taqra hekk:

> "**IN-NAXXAR – VJAL IL-LABOUR JUNCTION – TALBA**
>
> **25344. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 25018 rigward talba biex issir *roundabout* fit-tarf ta' Vjal il-Labour *Junction* ma' Triq Franġisk Pisani fin-Naxxar, ma jidhirlux il-Ministru li din it-talba għandha tkun u tingħata prijorità massima anke għall-fatt li fuq il-post indikat seħħ aċċident fatali?
>
> 05/05/2016
>
> **ONOR. JOE MIZZI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-proġett huwa fi stadju ta' ppjanar u eventwalment se jkun hemm bżonn ta' xi esproprjazzjoni. Il-proġett se jsir skont prijoritajiet nazzjonali, fondi disponibbli u l-proċess ta' akkwist.
>
> Nitlob lill-Onor. Interpellant jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu fejn qed jindika li l-assenza tar-*roundabout* ikkawżat inċident fatali. F'każ illi l-Onor. Interpellant

> jonqos milli jagħmel dan inħossni obbligat nenfasizza l-bżonn ta' kawtela meta jingħadu ċertu dikjarazzjonijiet għax qed tingħata l-impressjoni li l-infrastruttura qiegħda, b' xi mod dirett jew indirett, tikkawża l-inċidenti. Huwa fatt stabbilit li ħafna mill-inċidenti huma kkawżati minn traskuraġni fis-sewqan. Jekk irridu verament innaqqsu d-diżgrazzji fuq it-toroq tagħna hemm bżonn nindirizzaw dan il-fattur l-ewwel u qabel kollox. Dikjarazzjonijiet bħal dawk li saru f'din il-mistoqsija parlamentari jmorru fid-direzzjoni opposta."

Is-Sedja tibda billi tirrimarka illi assolutament ma tistax tindaħal fil-kontenut tar-risposta li jagħti l-Ministru għal mistoqsija parlamentari, f'dan il-każ l-Onor. Joe Mizzi. Fil-fatt is-Sedja tagħmel referenza għal diversi deċiżjonijiet li tat f'dan is-sens.

Nibda billi nirreferi għad-deċiżjoni mogħtija fis-Seduta 325 tas-16 ta' Novembru 2015, li kienet ukoll mogħtija fuq talba mill-istess Onor. Robert Cutajar fejn is-Sedja qalet, u nikkwota:

> "... ssostni illi ma għandha l-ebda mansjoni fuq il-kontenut tat-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet parlamentari, ...".

Nagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni mogħtija mis-Sedja fis-Seduta 351 tal-1 ta' Frar 2016 dwar jekk is-Sedja tistax tidħol fuq risposti parlamentari jew le, fuq punt imqajjem mill-istess Onor. Membru, l-Onor. Robert Cutajar, fejn is-Sedja qalet, u nikkwota:

> "Għalhekk is-Sedja, fin-nuqqas ta' Ordni Permanenti ċar dwar kif għandha tkun u kif għandha tiġi mwieġba domanda parlamentari, ma tista', fl-ebda mument, tistħarreġ dak li talab l-Onor. Robert Cutajar biex is-Sedja tinvestiga l-kontenut tar-risposti tad-domandi parlamentari li s-Sedja diġà għamlet referenza għalihom."

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għal dak li talab l-Onor. Robert Cutajar fil-mistoqsija tiegħu, u nikkwota eżatt:

> "... ma jidhirlux il-Ministru li din it-talba għandha tkun u tingħata prijorità massima anke għall-fatt li fuq il-post indikat seħħ aċċident fatali?"

Wara li s-Sedja qieset dan kollu, is-Sedja tifhem li ladarba l-mistoqsija tikkonċerna jekk hijiex ser issir *roundabout* jew le fit-tarf ta' Vjal il-Labour Junction ma' Triq Franġisk Pisani fin-Naxxar, u ladarba l-interpellant qiegħed jagħmel referenza għal inċident fatali, wieħed jasal biex jifhem li l-Ministru kellu l-jedd li jagħmel dan l-argument fir-risposta tiegħu u jitlob statistika jew informazzjoni dwar jekk l-inċident fatali fil-fatt seħħx minħabba nuqqas ta' *roundabout* jew le.

Minkejja dan, is-Sedja tħoss li m'għandhiex tidħol f'dan id-dibattitu u lanqas fil-mertu għalfejn l-istess Ministru għażel li jirrakkomanda kawtela meta ssir referenza għal inċidenti fatali.

Għalhekk is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li fl-ebda mument ma tista' tidħol fuq ir-risposta kif ġiet impostata mill-istess Ministru.